MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru 451/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

Vs.

Albert Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 876844(M) akkuzat talli:

1. fit-23 ta’ April 2002, f’dawn il-Gzejjer, ghamel uzu xjentament, ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi DIESEL li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal

hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-Artikolu 298(1) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, zamm, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioé hwejjeg bil-marka DIESEL, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-artikolu 298(B) tal-Kap 9;

B'hekk titqies li opera minghajr licenzja tal-pulizija ghat-termini ta' l-Avviz Legali 120 ta' l-1992;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil Albert Caruana ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-akkuzat tramite l-Avukat tieghu jammetti l-akkuzi li fuqha l-akkuzat baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Issa stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 298(1) u 298(B) tal-Kap 9. Ikkunsidrat il-fatturi mitiganti li fil-fehma tal-Qorti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena. Tiddeciedi ghaldaqstant li tillibera lill-akkuzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mil-lum bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor kundannabbli b'prigunerija.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-flokkijiet esebiti.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------